Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9496 — Ardian France/Staci)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 299/08)

1. Fis-27 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ardian France SA ("Ardian", Franza),

— Groupe Staci ("Staci", Franza), ikkontrollata mill-Compagnie Benelux Participations SA ("Cobepa", il-Belġju).

Ardian takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Staci kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ardian: kumpanija indipendenti ta' investiment privat li tiġġestixxi u/jew tagħti konsulenza dwar assi fl-Ewropa, fl-Amerika ta' Fuq u fl-Asja. Ardian ma għandha ebda sehem fil-kumpaniji tal-portafoll attivi fis-settur tas-servizzi tal-loġistika,

— Staci: attiva fis-settur tal-loġistika, speċjalista tal-loġistika għall-ħwienet, u partikularment l-aktar fil-qasam (i) tal-loġistika tal-prodotti tal-kummerċjalizzazzjoni u (ii) tal-loġistika ta' ħwienet ta' prodotti kummerċjali. Staci tipprovdi servizzi ta' loġistika fil-Ġermanja, fil-Belġju, Spanja, Franza, l-Italja, fin-Netherlands, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti tal-Amerika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9496 — Ardian France/Staci

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.